MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 1678/2001/2

Kawza fil-lista: 27

**A sive A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta’ Lulju 1980, u f’ dan iz-zwieg twieldu erbat-it tfal: D, maggjorenni, u E, F u G li twieldu rispettivamjent fit-2 ta’ Settembru 1987, fil-5 ta’ Mejju 1992 u fis-17 ta’ Mejju 1995; li “l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, theddid u ngurjii gravi da parti tal-konvenut fuq l-attrici”; li l-attrici ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprezenta l-istanza odjerna; u ghalhekkk qed titlob li din l-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija tal-konvenut;

[2] tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn zewgha l-konvenut; [3] "tiddeciedi dwar il-kura u kustodja tat-tifla [recte: tfal] hawn fuq imsemmija, wara li tisma' l-istess minuri; [4] tordna li l-konvenut ihallas ghaliha, u ghat-tfal minuri, retta alimentarja fissata minn din il-Qorti; [5] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet; [6] tillikwida, u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni f' zewg porzjonijiet ugwali; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: [1] li l-htija tas-separazzjoni personali tirrisjedi fuq l-attrici minhabba "adulterju, vjolenza, theddid u ngurji igravi, kif ukoll minhabba abbandun"; [2] li l-partijiet ilhom de facto separati ghal diversi snin; [3] li permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili l-kura u kustodja tal-minuri E B giet fdata f' idejn il-konvenut; filwaqt li qed jitlob li l-kura u kustodja taz-zewg minuri l-ohra tigi fdata lilu b' access favur l-attrici; [4] li m' ghandux jaghti manteniment partikolarment ghall-attrici "ai termini ta' l-artikoli 48 et seq tal-Kap.16; [5] li jaqbel mal-hames u mas-sitt talba;

Rat ir-rapporti tal-haddiema socjali, u n-noti prezentati mill-Agenzija Appogg, inkluzi r-rapport tal-haddiema socjali Marylene Savona [Vol.1 – fols.120 et seq.] u dak ta' Adreana B [Vol.2 – fols.417 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijet, il-listi tax-xhieda, l-affidavits u d-dokumenti prezentati, u n-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-minuri G kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li l-hajja konjugali bejniethom saret impossibbli

ghar-ragunijiet attriwibbli lill-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separrazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jsostni li l-htija tas-separazzjoni hija mputabbli lill-attrici fit-termini ta' l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap. pecitat.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Lulju 1980, u minn dan iz-zwieg ghandhom erbat-it tfal, D, E, F u G, li twieldu fid-dati fuq indikati. Jigi osservat li llum l-ewwel tlett ulied huma maggjorenni, filwaqt li G ghandu hmistax-il sena. E huwa persuna bi bzonnijiet specjali. F' Mejju 2001, wara ncident bejn il-partijiet, l-attrici telqet mid-dar konjugali flimkien ma' l-ahhar tlett ulied, li f' dak iz-zmien kienu ghadhom minorenni, u bl-assistenza tal-Pulizija, marret toqghod temporanejament f' Dar Merhba Bik; u sussegwentement marret tghix f' post bil-kera flimkien mat-tlett-it tfal.

Sussegwentement l-attrici, li kellha taghmel interventi kirurgici, dahhlet lit-tifel E f' Dar il-Kaptan l-Imtarfa; izda permezz ta' digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Awissu 2002, il-kura u kustodja tat-tifel E giet fdata f' idejn il-konvenut, u minn dak iz-zmien 'il quddiem, dan it-tifel baqa' jghix mal-konvenut flimkien ma' huh il-kbir D. Eventwalment, wara certu zmien, it-tifla F marret tghix ma' huha l-kbir, filwaqt li G beda jghix mal-konvenut b' effett mill-bidu ta' Marzu 2010.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li mill-bidu tal-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien xhih maghha u ma kienx jghatiha flus bizzejjed ghall-ghajxien, lanqas meta l-familja kienet kibret bit-twelid ta' l-ulied. Huwa kien jaghtiha LM70 fix-xahar ghall-hajja li minnhom riedet thallas il-kontijiet ta' l-utilitajiet ta' dar, u l-kera. Meta kienet tikkonfronta lill-konvenut dwar dan, huwa jghajjarha, jerfa' idejh fuqha, u jghidilha "jekk trid il-flus mur ohqob." [Vol.1 – fol.35].

Peress li kienet tibza' minnu, hi qatt ma ghamlet rapport lill-Pulizija.

Tghid li, ghalhekk kienet kostretta li tohrog tahdem sabiex il-familja tkun tista' tghix ahjar, u fil-fatt kienet tahdem bhala 'cleaner' go Casa Arkati; izda tghid li "meta kont niehu l-paga [il-konvenut] kien jigi biex nghaddilu c-cheque tal-paga, u minnhom kien izomm il-flus ghalih." [Ibid].

Tghid li l-konvenut kien "bniedem kattiv hafna u ta' spiss kien jigi hdejn ix-xoghol Cara Arkati, u joqghod jghajjarni 'qahba'.

Meta f' Mejju 2001 qaltlu li kienet ser titlaq mid-dar, il-konvenut kien taha xebgha bl-spalliera, u, wara li kienet marret l-ghassa taghmel rapport, kienet marret il-polyklinika biex "idewwuni ghas-swat li kont qlajt." [Ibid]. Minn hemm marret Dar Merhba Bik bit-tlett-it tfal minuri.

Tghid li ghal xi zmien l-access akkordat lill-konvenut ghal uliedu ma kienx qed isir peress li, meta dan kien gie ammess fl-isptar Monte Carmeli, it-tfal ma kienux iridu jmorru jarwh hemmhekk "ghaliex bdew jibzghu." Il-konvenut kien jhedded lit-tfal.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut jchad li l-attrici kienet telqet mid-dar ghax kien jillitiga maghha, u jafferma li r-raguni li ghaliha telqet mid-dar matrimonjali kienet peress li l-attrici kienet qed "tara ragel iehor." [Vol.1 – fol.327]. Jispjega kif okkazzjoni minnhom hu kien qabad lill-attrici titkellem fuq it-telefon ma' dan ir-ragel, li hu jdentifika bhala Tano. Jghid li "jien rajthom flimkien kemm il-Kazin tan-Nazzjonalisti f' Birkirkara kif ukoll il-bandli ta' Santa Venera, u kemm-il darba ltqajt maghha jkunu flimkien. Rajthom Birkirkara fil-karrozza, u hu kellu Lada kannella,.." [Vol.1 – fol.325]. Il-konvenut pero' jichad li kien ikun hemm incidenti fid-dar.

Il-konvenut baqa' jghix fid-dar matrimonjali, mikrija ghandu mill-Awtorita' tad-djar, flimkien mat-tifel D, li fiz-zmien tas-separazzjoni kien maggjorenni. Sussegwentement f'

Awissu 2002 huwa nghata l-kura u kustodja tat-tifel E, u b' hekk dan inhareg minn Dar il-Kaptan. Il-konvenut kien ghadda board mediku, u ghalhekk seta' jieħu hsieb lil dan it-tifel bi bzonnijiet specjali. Sadanittant huwa kien jara liz-zewgt-it tfal l-ohra, F u G, that supervizjoni. Eventwalment G mar jghix mieghu b' effett mill-bidu ta' Marzu 2010.

*Il-Konsulent Psikjatra – Dr.Joseph Vella Baldacchino*
Dan ix-xhud jghid li meta l-konvenut kien ghadda taht il-kura tieghu f' Jannar 2002, dan kien qed ibati minn dipressjoni qawwija u li "kienet hafna relatata mac-cirkostanzi familjari ta' dak iz-zmien [cioe' is-separazzjoni]. [Vol.1 – fols.154 et seq.]. Jghid li mir-records jirrizulta li f' Gunju 2001 kien gie ammess fl-isptar Monte Carmeli b' 'severe depression' u kellu 'suicidal ideation', fejn baqa' rikoverat sa' Lulju 2002.

Ix-xhud jispjega li l-kawza tal-problema kienet is-separazzjoni. Jghid: "Dana kien il-hin kollu jghid dwar it-tfal. Kien isemmi ripetutament 'ghalfejn ghamlitli hekk, ghalfejn ghamlitli hekk' 'ara x' ghamlitli' u hemmhekk jinfaqa' jibki, u kienet jigifieri kwazi l-ispjegazzjoni tal-istat li kien sab ruhu." [Ibid.]

Meta l-konvenut kien gie rilaxxjat fil-31 ta' Lulju 2002, huwa "kien isajjar, jahsel u kien qed jaghmel kollox sewwa. Kien kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu, ukoll id-dipressjoni tieghu kienet naqset eventwalment." [Ibid.]

Jghid li l-konvenut "kien juri anzi mhabba kbira ghal tifel wiehed minnhom. Dan it-tifel kien qed jinzamm f' Dar il-Kaptan li hija respite centre.]" [Ibid.]

*D B [Vol.2 – fols.330 et seq.]*
Dan huwa t-tifel il-kbir tal-partijiet. Ix-xhud jispjega li, sa qabel ma zzewweg f' Gunju 2006, huwa kien joqghod mal-konvenut, flimkien ma' huh E. Huwa jinnega li l-konvenut kien jerfa' idejh fuq l-attrici.

Jghid li "kull ma kellna bzonn jaghtuhomna [il-partijiet] u kif ukoll lil huti.]. Huwa kien beda jahdem minn meta kellu sittax-il sena, u l-partijiet qatt ma talbuh flus.

Jghid li meta l-attrici tleqet mid-dar huma lkoll kienu fis-salott, meta daqq it-telefon irrispondiet l-attrici, u l-konvenut qabad it-telefon mill-kcina. “Missieri qallha ‘Dak min huwa?’ Dan kien wara li qatghet it-telefon. Hi dak il-hin fethet il-bieb, u telqet ‘il barra..” Wara xi siegha u nofs regghet giet lura ma’ zewg pulizija, u hadet lil hutu minuri.”

Ix-xhud jghid li l-attrici “kienet regghet telqet ghax kien hemm ragel iehor fin-nofs. Jien lil ommi A B inzertajtha ma’ ragel iehor Birkirkara u r-Rabat. Generalment tkun fil-karrozza mieghu. Dan il-bniedem jiena nafu b’ ismu biss, bhala Tano. Birkirkara kont gharaft lil ommi fil-karrozza mieghu, kienu qedfin fit-traffic.”

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi din il-qorti hi tal-fehema li l-kawza <u>primarja</u> tat-tifrik tal-hajja konjugali kienet il-hbiberija specjali li l-attrici kellha ma ragel iehor, liema fatt wassalha sabiex tabbanduna d-dar konjugali f’ Mejju 2001. Dan il-fatt li jinsab konfermat mit-tifel il-kbir tal-partijiet u li ma giex michud mill-istess attrici, jikkostitwixxi ngurja gravi fil-konfront tal-konvenut.

Illi l-attrici takkuza lill-konvenut li dan kien ihalliha nieqsa mill-flus u li kien jerfa’ idejh fuhqa. Jigi osservat li ghajr ghall-allegazzjoni li l-konvenut ma kienx jaghtiha flus bizzjjed ghall-ghexjien tal-familja, u li ma gietx michuda minnu, l-allegazzjoni l-ohra tas-swat giet michuda, kemm mill-konvenut kif ukoll mit-tifel il-kbir, u ma tirrizultax mill-provi. Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija propensa li taccetta bhala veritiera unikament l-allegazzjoni li l-konvenut kien xhih ma’ l-attrici u li dan kien fonti ta’ litigju, u anke ta’ tbatija ghall-attrici b’ mod li jikkosstitwixxi ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu precitat. Jirrizultaw wkoll ‘ingurji gravi’ da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu bil-kliem li kien jghidilha. Dawn il-fatti kkontribwew ghas-separazzjoni bejniethom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibbli, u li ghal dan jahtu primarjament l-attrici, u sekondarjament il-

konvenut, fi proporzjon ta’ zewg terzi [2/3] l-attrici u terz [1/3] il-konvenut.

**Kura u Kustodja**

Illi, ghalkemm fl-istadju nizjali tal-proceduri odjerni, it-tfal E, F u G kienu ghadhom ilkoll minuri, illum-il gurnata huwa G biss li ghadu that l-eta’. Dan, fuq inizjattiva tieghu, mar jghix ma’ missieru minn Marzu 2010 u eventwalment mar jghix ma’ huh D.

Illi hija gusta u xierqa l-osservazzjoni li, kuntrarjament ghall-istampa li pprovat tati l-attrici matul il-proceduri fis-sens li l-konvenut mhuwiex fi grad li jiehu hsieb it-tfal, il-provi, partikolarment ir-rapporti u x-xhieda tal-haddiema socjali u ta’ l-addetti ma’ l-Agenzija Appogg, jaghtu stampa pozittiva tal-atteggjament tal-konvenut fil-konfront ta’ uliedu minuri. Jispikka l-fatt provat li, filwaqt li l-attrici ma rieditx tkompli tiehu hsieb lit-tifel E bi bzonnijiet specjali, imma riedet li dan jibqa’ mizmum f’ residenza ghal persuni b’ dizabilita’ [vide relazzjoni Adreana B – fol.418], hekk kif il-konvenut hareg mill-isptar, hu ha l-mizuri sabiex dan it-tifel jinhareg minn Dar il-Kaptan u hadu jghix mieghu, ma huh il-kbir, tant li fit-13 ta’ Awissu 2002 il-Qorti akkordatlu l-kura u kustodja ta’ dan il-minuri, filwaqt li t-tifla F u G baqghu jghixu ma’ l-attrici. Illum, F li hija maggjorenni qed tirrisjedi ma’ huha D, filwaqt li anki Robert gie jirrisjedi mal-konvenut flimkien ma dan huh.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti <u>wara li semghet lil minuri</u> thoss li huwa fl-interess tal-minuri G, li llum jghodd hmistax-il sena, li dana jibqa’ fil-kura u kustodja ta’ ommu l-attrici, b’ access konkordat ma’ missieru; izda l-minuri ghandu jithalla jiffrekwenta lil huh D kull meta jixtieq.

**Manteniment**

Illi, kemm ghax il-konvenut ma jahdimx, stante li kien gie boarded out mix-xoghol, kemm ghax il-htija tas-separazzjoni tirrisjedi sostanzjalment fuq l-attrici, l-attrici m’ ghandha tinghata ebda manteniment ghaliha; u l-Qorti hi tal-fehema li l-komportament ta’ l-attrici ghandu jattira fil-konfront taghha id-disposta ta’ l-artikolu 48[1][d] tal-Kap.16.

Illi rigward il-manteniment tat-tfal il-Qorti tosserva li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel Robert li ghandu jkun fil-kura u kustodja tal-attrici; inoltre, tordna li l-beneficji u l-assistenza socjali kollha relattivi ghal dan il-minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici.

Illi, rigward il-quantum tal-manteniment li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel G, il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi u l-mezzi tal-konvenut tordna li dan ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu billi jivversa lill-attrici l-ammont mensili ta' €93 fix-xahar li jinqatghu direttament mill-beneficcju socjali percepit minnu.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti fis-segwenti:

[1] l-inkwilinat tal-fond matrimonjali Block H, Flat 3, Binja Sta.Venera, li qieghed fuq isem il-konvenut;

[2] is-somma ta' LM6,801.53 rapprezentanti pensjoni kommutata percepita mill-konvenut fil-15 ta' Frar 2002 meta dana kien gie boarded out;

[3] il-mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali;

[4] id-djun konsistenti fi flus li sselfet l-attrici minghajr il-kunsens tal-konvenut.

*L-Inkwilinat*

Illi m'hemmx dubju li dan ghandu jibqa' fuq il-konvenut, kemm ghax il-kawza primarja tas-separrazzjoni tirrisjedi fuq l-attrici, li telqet mid-dar konjugali minhabba ragel iehor, kif ukoll ghax il-konvenut, kuntrarjament ghall-attrici, laqa' ghandu lit-tifel handikappat tal-partijiet u ha hsiebu tul dawn is-snin, u ghadu jiehu hsiebu. Ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-konvenut ikompli jabita fl-imsemmi fond ad eskluzjoni ta' l-attrici.

*Il-Pensjoni Kommutata*

Illi din tammonta ghal LM6,801.53, u ghalhekk sehem l-attrici huwa ta' €7,782 [ekwivalenti ghal LM3,340.70]. Ghalhekk il-Qorti tordna li dan l-ahhar ammont jithallas mill-konvenut lill-attrici.

*Mobbli*

Illi rigward il-mobbli ezistenti fid-dar konjugali, hemm dizgwid fil-provi u kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar x' hadet l-attrici meta telqet mid-dar; inoltre, iz-zewg partijiet akkwistaw effetti mobbli wara s-separazzjoni de facto. Ghaldaqstant, stante li l-provi f' dan ir-rigward huma skarsi, ukoll tenut kont tal-kontestazzjonijiet tal-partijiet, kif ukoll tal-fatt li E baqa' joqghod mal-missier, il-Qorti tordna li kull parti zzomm bhala taghha l-mobbli li ghandha fil-pussess taghha llum.

*Djun*

Illi, ghalkemm il-konvenut jsostni li huwa kien hallas ammonti ta' flus biex hallas djun li skond hu kienet ghamlet l-attrici, dan ma gab ebda prova in sostenn ta' dak allegat minnu. La prezenta ricevuti, u lanqas ressaq bhala xhieda in-nies li allegatament ircevew il-pagamenti. Inoltre, jigi osservat li x-xhud D B, ghalkemm ikkonferma li missieru kien hallas xi flus biex akkwista lura d-deheb tat-tifla F, ma jsemmi ebda ammont. Ghaldaqstant, tenut kont tan-nuqqas ta' provi sodisfacenti f' dan ir-rigward, din l-allegazzjoni tal-konvenut qed tigi skartata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija primarja ta' l-attrici u dik sekondarja tal-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba;

[3] tilqa' t-tielet talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja;

[4] tichad ir-raba' talba; u tapplika fil-konfront ta' l-attrici d-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 48[1][d] tal-Kap.16; u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghal-minuri G fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[5] tilqa' il-hames talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

[6] tilqa' is-sitt talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet, in kwantu ghal terz [1/3] jithallas mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti zewg terzi [2/3] jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------